KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 25 ta' Frar 2014**
**(OR. en)**

**17517/1/13**
**REV 1**

**LIMITE**

**PV CONS 61**
**TRANS 660**
**TELECOM 342**
**ENER 572**

PUBLIC

**ABBOZZ TA' MINUTI**[1]

| | |
|---|---|
| Suġġett: | **It-3278** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA**) li saret fi Brussell fil-5 ta' Diċembru 2013 |

[1] L-informazzjoni dwar deliberazzjonijiet leġislattivi tal-Kunsill, dwar deliberazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dwar dibattiti pubbliċi tinstab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

<u>**WERREJ**</u>

**Paġna**

1. Adozzjoni tal-aġenda ........................................................................ 4

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A" ........................................................................ 4

**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

3. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A" ........................................................................ 4

<u>TELEKOMUNIKAZZJONI</u>

4. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta’ sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni [L-ewwel qari]..... 5

5. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja [L-ewwel qari]....... 5

6. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jirrigwardaw is-suq uniku Ewropew għall-komunikazzjoni elettronika u biex jinkiseb Kontinent Konness, u li jemenda d-Direttivi 2002/20/KE, 2002/21/KE u 2002/22/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1211/2009 u (UE) Nru 531/2012 [L-ewwel qari] ........................ 5

<u>TRASPORT</u>

7. Ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju - Proposta għal Regolament tal-PE u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 [L-ewwel qari]........................................................................ 5

8. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi (Enerġija nadifa) [L-ewwel qari] ........................ 6

9. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom [L-ewwel qari] ........................ 6

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

10. Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li tawtorizza l-ftuħ mill-ġdid ta' negozjati mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar ftehim komprensiv dwar is-servizzi tat-trasport bl-ajru ........................................................................ 6

11. Affarijiet oħrajn ........................................................................................................ 7

**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

(a) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE [L-ewwel qari]
(b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern [L-ewwel qari]
(e) L-impatt tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fuq proġetti ta' infrastruttura ta' skala kbira fl-Ewropa
(g) Ċinturin Blu

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

(ċ) EU ETS/Avjazzjoni
(d) Sikurezza tal-bastimenti tal-passiġġieri
(f) Progress fuq il-programmi Galileo u EGNOS
(h) Programm ta' Ħidma tal-Presidenza li jmiss

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill .......................................................... 9

*

* *

1. **Adozzjoni tal-aġenda proviżorja**
17011/13 OJ CONS 61 TRANS 632 TELECOM 330 ENER 553

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

## ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

2. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**
17015/13 PTS A 83

Il-Kunsill approva l-punti "A" kif elenkati fid-dokument 17015/13.

## DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

***(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)***

3. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**
17013/13 PTS A 82

Il-Kunsill approva l-punti "A" kif elenkati fid-dokument 17013/13.

Id-dokumenti dwar il-punti 4, 11 u 14 għandhom jaqraw kif ġej:

**Punt 4**: 16568/**2**/13 **REV 2** CODEC 2659 FSTR 153 REGIO 274 SOC 964 CADREFIN 321
PE-CONS 102/13 FSTR 131 REGIO 230 SOC 849 CADREFIN 264 CODEC 2324

**Punt 11**: 16999/13 CODEC 2761 AUDIO 117 CULT 126 CADREFIN 331 RELEX 1079
\+ ADD 1 **REV 1**
PE-CONS 77/13 AUDIO 88 CULT 91 CADREFIN 204 RELEX 709 CODEC 1837

**Punt 14**: 16097/13 CODEC 2547 TRANS 581 MAR 171 AVIATION 205 CAB 44 ESPACE 90 FIN 744 CSC 145
\+ ADD 1
\+ ADD 2 **REV 1**
PE-CONS 26/13 TRANS 263 MAR 59 AVIATION 68 CAB 22 ESPACE 35 FIN 294 CSC 48 CODEC 1199

Id-dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

TELEKOMUNIKAZZJONI

**4.** **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0027 (COD)
– Rapport ta' progress
6342/13 TELECOM 24 DATAPROTECT 14 CYBER 2 MI 104 CODEC 313
16630/13 TELECOM 322 DATAPROTECT 178 CYBER 33 MI 1064 CODEC 2676

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress li jinsab fid-dokument 16630/13.

**5.** **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0080 (COD)
– Rapport ta' progress
7999/13 TELECOM 60 COMPET 177 CODEC 686
17014/13 TELECOM 331 COMPET 880 CODEC 2767

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress li jinsab fid-dokument 17014/13.

**6.** **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jirrigwardaw is-suq uniku Ewropew għall-komunikazzjoni elettronika u biex jinkiseb Kontinent Konness, u li jemenda d-Direttivi 2002/20/KE, 2002/21/KE u 2002/22/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1211/2009 u (UE) Nru 531/2012 [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0309 (COD)
– Dibattitu ta' orjentazzjoni
13555/13 TELECOM 232 MI 646 COMPET 753 CONSOM 161 CODEC 2000
\+ ADD 2
16637/13 TELECOM 324 COMPET 868 MI 1067 CONSOM 202 CODEC 2679

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi tal-mistoqsijiet kif jinsabu fid-dok. 16637/13.

TRASPORT

**7.** **Ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju**
**Proposta għal Regolament tal-PE u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (L-ewwel qari)**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0014 (COD)
– Rapport ta' progress
6012/13 TRANS 38 CODEC 225
16407/13 TRANS 598 CODEC 2628

Il-Kunsill eżamina u ħa nota tar-rapport ta' progress dwar il-proposta ta' hawn fuq, kif jinsab fid-dok. 16407/13.

8. **<u>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi (Enerġija nadifa)</u> [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0012 (COD)
– Approċċ ġenerali
5899/13 TRANS 93 AVIATION 12 MAR 12 ENER 21 ENV 74 IND 28 RECH 29 CAB 4 CODEC 193
17004/13 TRANS 631 AVIATION 230 MAR 187 ENER 551 ENV 1143 IND 351 RECH 578 CAB 49 CODEC 2765

<u>Il-Kunsill</u> adotta approċċ ġenerali dwar il-proposta msemmija hawn fuq, kif jinsab fid-dok. 17004/13, u qabel li jdaħħal f'dawn il-minuti dikjarazzjonijiet mill-Italja u l-Ungerija (kif jinsabu fl-Anness).

9. **<u>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom</u> [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0072 (COD)
– Rapport ta' progress
7615/13 AVIATION 47 CONSOM 47 CODEC 616
16577/13 AVIATION 225 CONSOM 201 CODEC 2663
+ ADD 1

<u>Il-Kunsill</u> eżamina u ħa nota tar-rapport ta' progress dwar il-proposta ta' hawn fuq, kif jinsab fid-dok. 16577/13.

## <u>ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI</u>

10. **<u>Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li tawtorizza l-ftuħ mill-ġdid ta' negozjati mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar ftehim komprensiv dwar is-servizzi tat-trasport bl-ajru</u>**
– Adozzjoni
11187/1/13 TRANS 340 AVIATION 85 RELEX 540 AMLAT 11 RESTREINT UE
+ COR 1
16427/13 TRANS 600 AVIATION 218 RELEX 1041 COLAC 22 RESTREINT UE

<u>Il-Kunsill</u> adotta d-deċiżjoni ta' hawn fuq u qabel li jdaħħal f'dawn il-minuti d-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni (kif tinsab fl-Anness).

## 11. Affarijiet oħrajn

Telekomunikazzjoni u Trasport

**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**
***(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)***

(a) **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2011/0299 (COD)]
– Informazzjoni mill-Presidenza
16681/13 TELECOM 327 AUDIO 116 CODEC 2687

Il-Presidenza informat lill-Kunsill dwar il-konklużjonijiet tan-negozjati mal-PE dwar il-proposta għal Regolament dwar linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej.

(b) **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2012/0146 (COD)
– Informazzjoni mill-Presidenza
16677/13 TELECOM 326 MI 1068 DATAPROTECT 180 EJUSTICE 100 CODEC 2684

Il-Presidenza informat lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tan-negozjati mal-PE dwar il-proposta għal Regolament dwar identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern.

(e) **L-impatt tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fuq proġetti ta' infrastruttura ta' skala kbira fl-Ewropa**
– (Informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża, appoġġata mid-delegazzjoni Ġermaniża)
17099/13 TRANS 636

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Daniża dwar il-kwistjoni msemmija hawn fuq (dok. 17099/13) u l-interventi li saru mill-maġġoranza tal-ministri fl-iskambju ta' fehmiet li sar wara.

(g) **Ċinturin Blu**
– Informazzjoni mill-Kummissjoni
17040/13 TRANS 633 MAR 188

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni msemmija hawn fuq (dok. 17040/13).

## ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

**(ċ) EU ETS/Avjazzjoni**

– Informazzjoni mill-Kummissjoni
17140/13 TRANS 638 AVIATION 235 ENV 1150 RELEX 1094

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni msemmija hawn fuq (dok. 17140/13)

**(d) Sikurezza tal-bastimenti tal-passiġġieri**

– Informazzjoni mill-Kummissjoni
16974/13 TRANS 627 MAR 186

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-punt imsemmi hawn fuq (dok. 16974/13) u l-interventi li saru minn diversi ministri fl-iskambju ta' fehmiet li sar wara.

**(f) Progress fuq il-programmi Galileo u EGNOS**

– Informazzjoni mill-Kummissjoni
17070/13 TRANS 634 AVIATION 189 MAR 232 ENV 98 ENER 166 IND 50

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni msemmija hawn fuq (dok. 17070/13).

°

° °

**(h) Programm ta' Ħidma tal-Presidenza li jmiss**

– Informazzjoni mid-delegazzjoni Griega
16367/13 TELECOM 316

Il-Ministru Grieg ippreżenta l-programm ta' ħidma tal-Presidenza u informa lill-kollegi tiegħu dwar il-prijoritajiet u l-objettivi ewlenin li għandhom jinkisbu matul l-ewwel semestru tal-2014.

************

## DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

| Dwar il-punt "B" nru 8: | **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi (Enerġija nadifa) [L-ewwel qari]** |
|---|---|

### DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"L-Italja jiddispjaċiha dwar it-tneħħija tar-referenza għal "rekwiżiti minimi" mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (Artikolu 1). Mingħajr din ir-referenza, huwa diffiċli li jiġi żgurat li ser jintlaħqu livelli komuni ta' infrastruttura minima fl-Istati Membri kollha fi żmien skadenzi ta' żmien speċifiċi, li hija prekondizzjoni neċessarja biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà u tinkiseb il-fiduċja tal-operaturi tas-swieq.

Barra minn hekk, aħna nemmnu li huwa adatt, fir-rigward tal-oqfsa tal-politika nazzjonali, li tinżamm ir-referenza doppja kemm għall-fjuwils kif ukoll għall-infrastruttura relatata (l-Artikolu 3), peress li ż-żewġ elementi huma essenzjali għall-kisba tal-għanijiet tad-Direttiva.

"Nixtiequ wkoll li l-iskadenza ta' żmien tal-2020 tiddaħħal mill-ġdid għat-tlestija tal-infrastruttura għall-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi (l-Artikolu 4) u għall-forniment ta' gass naturali (l-Artikolu 6), meta jitqies li l-implimentazzjoni fil-pront tad-Direttiva ser tkun fundamentali biex jintbagħtu s-sinjali mistennija mis-suq u biex it-tkabbir jiġi ggwidat lejn is-sostenibbiltà.

Fl-aħħar, nixtiequ li jerġgħu jiddaħħlu d-distanzi massimi relatati mal-ħolqien tal-punti ta' forniment ta' LNG u CNG (Artikoli 6(3) u (6)), sabiex tingħeleb il-frammentazzjoni tas-suq u tkun garantita l-interoperabbiltà ġenwina madwar l-Ewropa."

### DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tieħu nota tat-test ta' kompromess u għad għandha t-tħassib dwar id-delega ta' setgħat lill-Kummissjoni f'każ ta' standards li ma jeżistux sabiex jiġu ssupplimentati l-Artikoli 4 u 6 tad-Direttiva kif ukoll il-partijiet korrispondenti tal-Anness III sabiex dawn l-istandards isiru legalment vinkolanti. Madankollu l-Ungerija tirrikonoxxi li din id-delegazzjoni ser tapplika għal numru limitat ta' każijiet speċifiċi identifikati b'mod ċar fit-test."

**<u>Dwar il-punt "B" nru 10</u>:** **Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li tawtorizza l-ftuħ mill-ġdid ta' negozjati mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar ftehim komprensiv dwar is-servizzi tat-trasport bl-ajru**

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"F'konformità mal-Artikolu 218 (3) TFUE, il-Kummissjoni ressqet Rakkomandazzjoni lill-Kunsill sabiex jiġi awtorizzat il-ftuħ mill-ġdid ta' negozjati dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport tal-ajru mal-Gvern tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil.

Il-Kummissjoni tieħu nota tad-deċiżjoni unanima tal-Kunsill li jadotta att "ibridu" li jikkonsisti fl-istess waqt minn Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill.

Il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li dan l-att "ibridu" jikser it-Trattati fis-sens li, fost raġunijiet oħra, ifixkel il-proċedura u r-regoli tal-votazzjoni mniżżlin fl-Artikolu 218 (3) TFUE u (8) l-ewwel subparagrafu TFUE.

Il-Kummissjoni tfakkar fl-applikazzjoni tagħha fil-Kawża C-28/12, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u, iżżomm id-dritt li tagħmel użu mill-miżuri legali kollha fid-disponibbiltà tagħha sabiex tiżgura r-rispett tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati."